SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA MSEJĦA B'URĠENZA – NUMRU 38-15**

Illum t-Tlieta, 10 ta' Marzu 2015

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-6.00p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera, Joseph Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**LAQGĦA MSEJĦA B'URĠENZA**

Din il-laqgħa ġiet imsejħa mis-Sindku, s-Sur Frederick Cutajar biex il-Kunsill jiddiskuti ftehim dwar it-twaqqif ta' *Day Care Centre* u *Learning Hub* għall-anzjani.

## 1. FTEHIM DWAR DAY CARE CENTRE

1.1 Is-Sindku s-Sur Frederick Cutajar irrefera għall-*Memo* SLLC 4-2015 li nbagħtet lil kunsilliera il-Ġimgħa, 6 ta' Marzu 2015 fir-rigward ta' laqgħa li kellu ma' l-Onor. Justyne Caruana dwar il-possibilita' li jitwaqqaf *Day Centre* u *Learning hub* għall-anzjani billi tintuża l-Pavillon mgħarufa bħala *Tea Room* fi Ġnien is-Serenita' għal dan il-għan. Huwa qal li din il-laqgħa tagħt il-frott mixtieq għax il-proposta tal-Kunsill tirrifletti l-objettivi tal-Gvern tal-ġurnata dwar l-anzjanita' attiva u hemm programm nazzjonali dwar it-twaqqif ta' dawn iċ-ċentri.

Is-Sindku kompla jgħid li illum it-Tlieta,10 ta' Marzu 2015 irċieva telefonata biex għada l-Erbgħa, jigi ffirmat il-ftehim bejn il-Kunsill u s-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilita' u Anzjanita' Attiva. Huwa kompla jgħid li għal daqstant kellu jsejjaħ laqgħa b'urġenza biex il-kunsill japprova dan il-ftehim qabel jiġi ffirmat.

1.2 Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li xtaqet tara dan il-ftehim.

1.3 Is-Sindku s-Sur Cutajar qal li l-ftehim huwa wieħed l-istess għall-lokalitajiet kollha u qara l-ftehim għal benefiċċju ta' dawk kollha preżenti.

1.4 Il-Kunsilliera Galea staqsiet jekk ġewx stipulati l-ġranet li fihom ser jingħata dan is-servizz.

1.5 Is-Sindku qal li dan is-servizz ser jingħata darba fil-Ġimgħa.

1.6 Il-Kunsilliera Galea staqsiet jekk il-kunsill hux ser jibqa' *caretaker* tal-post

1.7 Is-Sindku wieġeb li kollox ser jibqa' l-istess.

1.8 Il-Kunsilliera Galea staqsiet dwar it-trasport.

*1.9* Is-Sindku qal li ma tantx hemm anzjani li ma jistgħux jimxu f'Santa Luċija imma jekk ikun il-każ, il-Kunsill jara li jkun hemm it-trasport. Dwar klawsola tnax tal-ftehim is-Sindku qal li l-Kunsill diġa għandu *Public Liability Insurance.*

1.10 Is-Sindku staqsa jekk hux kullħadd jaqbel ma' dan il-ftehim.

1.11 Il-Kunsilliera Galea qalet li kullħadd ried li jitwaqqaf dan iċ-ċentru. Hija qalet li xtaqet li ma kienx hemm l-għaġla u li l-Kunsill kellu ċans jiddiskuti aktar. Hija qalet li kienet taqbel fil-prinċipju. Hija staqsiet x'inhi t-*target date.*

1.12 Is-Sindku qal li n-nies li ser jieħdu ħsieb l-anzjani fuq dan il-proġett diġa ġew assenjati. Huwa sostna li m'hemmx kulur fiha din l-inizjattiva għax dan huwa proġett għall-anzjani kollha ta' Santa Luċija.

1.13 Il-Kunsill qabel unanimament li jitwaqqaf dan id-*Day Care Centre* u *Learing Hub* f'Santa Luċija

1.14 Il-Kunsilliera Galea suġġerit li jekk ikun hemm il-bżonn il-Kunsill għandu jikkunsidra jidħol għall-ispiża tat-trasport.

1.15 Is-Sindku ikkonkluda billi qal li bħal ma nsibu flus għal affarijiet oħra nsibu wkoll għat-trasport. Hawnhekk huwa semma wkoll l-inizjattiva li qed jaħdem fuqha Malcolm Borg ex-Kunsillier ta' Santa Luċija, biex issir rotta ta' *transport* pubbliku bejn Santa Luċija, Raħal Gdid u Ħal Tarxien b'fondi ta' l-unjoni ewropea.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li l-laqgħa li jmiss hija dik skedata għan-nhar it-Tnejn, 16 ta' Marzu 2015.

## 2. TMIEM

Din il-laqgħa ntemmet fis-6.45p.m

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>it-Tnejn, 16 ta' Marzu 2015</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**